# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 89/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Ian Abdilla)

(Spettur Angelo Gafa')

vs

**George Micallef**

iben Joseph , imwieled Birkirkara, fl-24 ta' Novembru, 1959, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 740759(M)

Illum, 14 ta' Dicembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat George Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli f'Ottubru, 2007, u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel dikjarazzjoni ghal xi ghan imsemmi fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta) li kienet falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett importanti.

B'hekk, sar recidiv a termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-
l- artikolu 55(1)(e) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 188, 49, 50, 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fil-25 ta' Frar, 2014 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet apprezament ħażin tal-fatti meta lliberat lill-appellat u dan nonostante l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fil-każ odjern.

Illi l-esponent Avukat Ġenerali ntavola dan l-appell a bazi ta` dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, dana qiegħed jingħad għaliex l-esponent huwa tal-fehma illi jekk isir eżami approfondit tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jkun jirriżulta li jeżistu biżejjed provi sabiex, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, l-appellat jinstab ħati tal-akkużi addebitati fil-konfront tiegħu u dan hekk kif ser ikun spjegat iktar fid-dettal f'dan l-umli appell kif ukoll waqt it-trattazjoni orali tiegħu.

Illi, r-reat li bih ġie akkużat George Micallef huwa dak stipulat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk –

> *Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ...*

Illi, għalhekk l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat huma s-segwenti:

***i) "Kull min"***

Illi, il-kliem "*kull min*" jindika li kwalunkwe persuna tista tkun is-suġġett attiv ta' dan ir-reat u għaldaqstant dan l-ewwel element ġie sodisfatt.

**ii) "*Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor*"**

Illi, jidher ċar li kwalunkwe dikjarazzjoni falza li saret fir-rapport in kwistjoni, li fil-fatt saret kif ser jiġi ndikat aktar l-isfel, saret speċifikament sabiex jinkiseb vantaġġ jew sabiex jinħoloq xi tip ta' benefiċċju lill-applikant tal-iżvilupp tal-Mistra kif ukoll lil Jeffrey Pullicino Orlando.

Illi, għandu jitfakkar illi mill-fatti jirriżulta b'mod ċar illi l-appellat kien primarjament tqabbad privatament mill-applikant u minn Jeffrey Pullicino Orlando sabiex jagħmel rapport favorevoli a rigward tal-proġett in kwistjoni. Imbagħad, konvenjentement, l-istess appellat ħejja rapport ieħor, ukoll favorevoli, din id-darba f'isem l-MTA. Hawnhekk, wieħed jasal għall-konkluzjoni waħda – George Micallef kellu konflitt ta' interess grossolan, ħaġa li jammettiha huwa stess. Għaldaqstant, għal liema raġuni ħejja rapport kważi identiku għal dak li kien għamel oriġinarjament jekk mhux sabiex jipprova jakkwista dak li tqabbad jagħmel, u li tħallas għalih, fl-ewwel lok?

Illi, jirriżulta b'mod ċar ukoll li l-appellat kellu pressjoni qawwija u insistenza da parti ta' Jeffrey Pullicino Orlando sabiex jitħaffef dal-proċess kollu tal-iżvilup tal-Mistra. Infatti, fl-istqarrijiet tiegħu stess, George Micallef jammetti li kien ġie nfluwenzat sabiex iħejji it-tieni rapport li effetivament kien fih informazzjoni mhux korretta, u meta ġie mistoqsi sabiex jissustanzja tali nfluwenzi, huwa wieġeb hekk, a fol. 75 tal-Atti Proċesswali -

*Lil Jeffrey Pullicino Orlando ilni nafu għal dawn l-aħħar sentejn jew tlieta. Nikkunsidrah bħala ħabib għalkemm mhux ħabib intimu. Ġieli ltqajna wkoll soċjalment għalkemm mhux spiss u ovvjament billi jiffolowja t-turiżmu ġieli staqsa opinjonijiet fir-rigward ta' materja partikolari bħall-kaz, per eżempju, meta kien qed jiġi diskuss il-kunċett tal-low cost airlines. Għaldaqstant meta hu talabni l-għajnuna tiegħi fuq il-proġett tad-*diskoteka, ***jien ippruvajt ngħinu għal ebda gwadann personali iżda bħala ħabib***. [sottolinear u enfażi tal-esponent]

Illi, hawnhekk, l-appellat qiegħed jammetti ċar u tond li ħejja ir-rapport li fih kien hemm dikjarazzjoni falza sempliċiment sabiex jaġevola persuna li kien jikkonsidra bħala ħabib. George Micallef ried jikseb vantaġġ jew benefiċċju għal ħabib tiegħu u kien għalhekk li għamel dikjarazzjoni falza. Għaldaqstant hawn jidher ċar li l-appellat **kellu** l-*mens rea* neċessarja sabiex iwettaq ir-reat in kwistjoni u bl-ażżjonijiet tiegħu ikkommetta l-*actus reus* ukoll.

Illi, ukoll, a fol 75 tal-Atti Proċesswali, l-istess George Micallef jammetti ċar u tond li *"Kieku ma kienx kellimni Pullicino Orlando dwar dan, kieku sal-lum l-applikazzjoni tal-MTA mal-MEPA għadha waħda ta' Outline Development Permit*". Għalhekk, hawnhekk ġa qed tifforma stampa ċara – George Micallef ried jikseb vantaġġ għal ħabib tiegħu li kien qed jagħmillu pressjoni qawwija minn naħa tiegħu u għalhekk beda jifforma l-ħsieb kif dan il-vantaġġ seta' jiġi miksub. Kien hemm ix-xjenza biex dan il-pjan jitwettaq u fil-fatt twettaq ukoll kif ser naraw aktar il-quddiem.

***iii) "F'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika"***

Illi, ir-rapport li kien ġie mħejji minn George Micallef fuq talba tal-MTA, liema rapport kien fih dikjarazzjonijiet foloz, u li sussegwentement ġie ukoll sottomess lill-MEPA, huwa rapport li kien intiż għal awtorita' pubblika u dwar dan il-fatt ma teżisti ebda kontestazzjoni.

***iv) "Xjentement"***

Illi, l-Ewwel Qorti għoġobha tillibera lill-appellat speċifikament fuq il-fatt li skont hi, George Micallef ma kienx *xjentement* għamel id-dikjarazzjonijiet foloz li bihom hu akkużat. L-esponent umilment ma jaqbilx ma tali konkluzzjoni u dan għaliex tul il-proċeduri kollha u mill-provi prodotti, jirriżulta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li George Micallef kiteb dikjarazzjoni falza **xjentement**, u allura kellu l-*mens rea* rikjest mill-liġi.

Illi, f'dan l-istadju, irridu niftakru li l-*crux* tal-każ in kwistjoni jirrigwarda *statements* magħmula f'rapport imħejji minn George Micallef bħal ""*I am also forwarding to you extracts from an internal report of the Directorate on the project ...*" (a fol. 38 tal-Atti Proċesswali), liema *internal report of the Directorate* imsemmi effetivament **ma jeżistix**! Niftakru ukoll li t-talba sabiex isir dan ir-rapport kienet inbagħatet lil Mario Attard, li dak iż-żmien kien id-Direttur tal-*Product Development Directorate,* u kien l-appellat stess li insista li jagħmel dan ir-rapport huwa stess, kif fil-fatt jistqarr fl-istqarrija tiegħu (a fol. 72 tal-Atti Proċesswali) – "*Infurmajt lil Mario Attard li jien kelli l-informazzjoni fuq din l-applikazzjoni u li kont ser inħejji tweġiba u ngħaddihielu biex jibgħatha hu*". Pero', George Micallef lanqas għamel dak li kien qal li se jagħmel – minflok, qabad u bagħat dan ir-rapport qarrieqi lil Marica Bugeja, is-segretarja ta' Mario Attard, u kien talabha hekk – "*Can you please print this letter on an MTA letterhead, and sign on behalf of Mario ...*" (A fol. 55 tal-Atti Proċesswali). Din ma kinitx prassi li ssir, infatti kemm is-segretarja kif ukoll Mario Attard innifsu xehdu a fol. 232 et u fol. 184 et respettivament li din kienet l-ewwel darba li dis-sitwazzjoni kienet ġrat. Apparti minn hekk, wieħed jasal biex jikkonstata li minflok George Micallef żamm ir-rapport għandu sal-ġurnata ta' wara fejn kellu jsiefer mal-istess Attard, jew minflok sab xi mezz ieħor sabiex juri dan ir-rapport lil Attard u tal-inqas iġib l-approvazzjoni tiegħu f'dak ir-rigward, għażel li jordna lil Marica Bugeja tiffirma rapport f'isem is-superjur tagħha. Dan kollu juri *mala fede* da parti ta' George Micallef u ikompli

jirrinforza l-fatt li hu kellu pjan ċar f'moħħu u għamel minn kollox sabiex dak il-pjan jiġi eżegwit.

Illi, din il-kwistjoni kollha ammettiha l-istess appellat fl-istqarrija tiegħu a fol. 73 et tal-Atti Proċesswali, fejn irrikonoxxa ukoll li f'din il-kwistjoni kollha huwa kellu kunflitt ta' interess -

*M: B'referenza għar-rapport tal-MTA datat 1 ta' Ottubru 2007 mibgħut lill-MEPA u iffirmat mis-Segretarja ta' Mario Attard f'isem l-istess Attard, nifhem sew allura li dan ir-rapport kien mill-bidu sal-aħħar biċċa xogħol tiegħek u Attard ma kien b'ebda mod involut fih?*
*T: Iva. Nikkonferma.*

*M: Naqblu li inti kellek kunflitt ta' interess meta ħejjejt l-istess rapport l-ewwel f'isem l-iżviluppatur u sussegwentement f'isem il-poplu Malti u Għawdxi taħt il-kappa tal-MTA?*
*M: Prima facie iva...*

Illi, ukoll, meta George Micallef ġie rinfaċċat bil-kwistjoni ta' dan ir-rapport kontenenti dikjarazzjonijiet foloz li kienu saru, huwa jammetti li tali *internal report of the Directorate* fil-fatt qatt ma kien sar –

*M: F'dan l-istess rapport inti tagħmel referenza lejn rapport intern tal-Product Development Directorate tal-MTA. Tikkonferma li l-MTA qatt ma kellha dan ir-rapport intern?*
*T: Jien napprezza li kif jien ikkwotajt "an internal report of the Directorate", wieħed jistenna li jkun rapport intern tad-direttorat li fil-fatt m'hemmx. Pero' fil-file tal-MTA jiena kont taħt l-impressjoni li hemm l-applikazzjoni oriġinali flimkien ukoll mar-rapport tiegħi li jien kont ħejjejt għall-iżvilupattur u li allura l-MTA setgħet għamlet referenza għalih since l-awtur kien l-istess persuna nnifsu.*

U aktar –

*M: Jiġifieri għalik, rapport ta' Insite Consultants Ltd li inti tħallast għalih mill-iżviluppatur u għaldaqstant kont pozittiv mija fil-mija għal dan l-iżvilupp hekk kif propost bħalma jiġri f'kull kaz minn dan, jikkwalifika bħala rapport intern tal-MTA?*
*T: Naqbel li m'għandux jikkwalifika bħala rapport intern tal-MTA u nifhem with hindsight li jiena stajt aġixxejt b'mod aktar għaqli.*

Illi, hawnhekk jirriżulta ċar li avolja l-appellat kien taħt ċerta impressjoni li fil-*file* tal-MTA kien hemm l-applikazzjoni oriġinali kif ukoll kopja tar-rapport tiegħu, hu qatt m'għamel xejn sabiex jivverifika dan kollu u qatt ma uża d-diliġenza meħtieġa sabiex, qabel ma jagħmel dikjarazzjoni bħalma għamel, l-ewwel jivverifika l-veraċita o meno tagħha. Il-fatt li hu ma ċċekjax jistqarru huwa stess -

*M:Fizikament, int qatt rajtu dan ir-rapport fl-MTA?*
*T: Le. Qatt ma rajtu u qatt ma fittixt biex narah.*

Illi, għaldaqstant, kif ammetta George Micallef stess, hu kien jaf ben tajjeb li dan l-*internal report of the Directorate* ma kienx jeżisti (għax kieku kellu dubbju kien imur jiċċekja kif titlob d-diliġenza wara kollox) pero' minkejja dan xorta għamel aċċenn għalih fir-rapport aħħari tiegħu. Dan juri biċ-ċar, fl-umli fehma tal esponent, li George Micallef kellu l-mens rea meħtieġa għall-kommissjoni ta' dan ir-reat.

**v) *"Jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz"***

Illi, kif ġa ġie msemmi aktar 'il fuq , din id-dikjarazzjoni/stqarrija falza tirrigwarda frażijiet bħal "*Extract from Directorate's report on the subject*" (fol. 36) "*I am also forwarding to you extracts from an internal report of the Directorate on the project ...*" (fol. 38), liema rapport George Micallef kien ben konxju li ma jeżistix, kif ġia ġie aċċertat aktar il-fuq. Aparti l-istqarrija tal-appellat stess li jgħid li kien jaf li tali rapport ma kienx jeżisti, għandna ukoll ix-xhieda ta' Mario Attard (a fol. 183 et tal-Atti Proċesswali), fejn apparti l-fatt li huwa jgħid li qatt ma ra r-rapport ta' Micallef u qatt ma vverifika l-kontenut tiegħu, pero' kien fil-pożizzjoni li jgħid li l-*Internal Directorate's Report* ma jezistix.

Illi, għalhekk, huwa ċar li r-referenza fir-rapport għall-allegat "*Directorate's report*" u għall- "*an internal report of the Directorate*", kif ukoll għar-referenzi għall-allegati estratti mill-istess rapport ineżistenti, jikonstitwixxu dikjarazzjonijiet u informazzjoni spontanji u foloz.

Illi, għaldaqstant, *tenendo conto* tas-suespost kif ukoll tal-assjem tal-provi, ġie ppruvat ampjament u 'l hinn minn kull dubbju ddettat mir-raġuni, li George Micallef, **xjentement** għamel dikjarazzjoni falza sabiex jikseb vantaġġ għalih innifsu jew għal ħaddieħor u li għalhekk fil-ħin li kien qed isir l-att materjali, kien jeżisti ukoll l-element formali tal-*mens rea*.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-appell tal-Avukat Generali jirrigwarda l-punt li l-appellat kellhu l-'mens rea' biex iwettaq dak li hu akkuzat bih u ghalhekk l-ppellat ghandu jinsab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. L-ewwel Qorti sabet li ghalkemm l-'actus reus' kien prezenti ma kinitx tal-aprir li l-appellat kellhu l-intenzjoni kriminuza biex iwettaq ir-reati in kwistjoni. Ghalhekk, il-partijiet trattaw dan l-appell a bazi jekk l-apellat kellhux jew le l-intenzjoni biex iwettaq ir-reati lilu ascritti.

Illi din il-Qorti jaqbel perfettament mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' intenzjoni da parti tal-appellat.

Illi dan il-fatt johrog car mix-xhieda prodotti li huma Sam Mifsud u Mario Attard. It-tnejn, javallaw il-kontenut tar-rapport tal-appellat li hejja ghall-Malta Tourism Authority. Hawnhekk, iqumu zewg punti li jkun utli li jigu analizzati. L-ewwel punt, hu li l-appellat ghamel referenza fir-rapport tieghu ghall-rapport pre-esistenti, li fil-fatt ma nstabx fir-records tal-MTA. Dan hu veru. Min-naha l-ohra jirrizulta li l-appellat kien hejja rapport fuq l-istess materja sena qabel u kien ikkonsenja dan ir-rapport lill-klijent tieghu li min-naha tieghu kien mar l-MTA u ikonsenjah. Din il-persuna kienet Domenic Micallef. Ghalhekk, wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni li l-appellat qarraq fid-dikjarazzjoni tieghu gghaliex hu kien taht l-impressjoni li Domenic Micallef kien ikkonsenja dan ir-rapport lill-MTA. Kieku ma kienx hekk, l-applikazzjoni ghall-izvilupp ma kienitx ser timxi 'l quddiem jekk tali rapport ma kienx fil-pussess tal-MTA. Dan ir-rapport kien essenzjali biex jinhareg it-Tourism Compliance Certificate li minghajr la l-MTA wisq anqas l-MEPA ma kien ser imexxu fuq l-applikazzjoni ghall-izvilupp prezentata mill-Perit Paul Camilleri. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti gie assodat il-fatt li l-

appellat ma kellhu ebda intenzjoni qarrieqa jew iddikjara l-falz.  It-tieni punt hi l-kwistjoni tal-konflitt ta' interess.  Huwa veru li l-appellat l-ewwel hejja rapport ghall-kljent tieghu u imbaghad hejja rapport iehor ghall-MTA.  L-ewwelnett, l-appellat setgha jaghmel dan ghaliex hu konsiderat bhala konsulent mal-MTA u fit-tieni lok il-kontentu tar-rapport li hu hejja ghall-MTA gie avallat mill-persuni hawn fuq imsemmija.  HU veru wkoll li din mhix sitwazzjoni ideali u l-appellat kellhu jkun iktar attent f'din is-sitwazzjoni fejn hu car li hemm konflitt ta' interess. Madankollu, il-konflitt ta' interess mhux reat u dan l-argument tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.